A.L. 4 ta' l-1982

ATT TA' L-1965 DWAR IS-SALARJI TAL-PRESIDENT TA' MALTA U TA' UFFIĊJALI OĦRA

(ATT NRU. XII TA' L-1965)

Ordni ta' l-1982 dwar ir-Reviżjoni tas-Salarji tal-President ta' Malta u ta' Uffiċjali oħra

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 2 u 3 ta' l-Att ta' l-1965 dwar is-Salarji tal-President ta' Malta u ta' Uffiċjali oħra, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Prim Ministru għamel l-ordni li ġej:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1982 dwar ir-Reviżjoni tas-Salarji tal-President ta' Malta u ta' Uffiċjali oħra u għandu jitqies li beda jseħħ fl-1 ta' Jannar, 1982.

Reviżjoni tas-salarju tal-President.

2. Għandu jitħallas f'kull sena lill-President ta' Malta, minflok is-salarju preskritt bl-artikolu 2 ta' l-Att, salarju ta' sitt elef, disa' mija u tnejn u għoxrin lira.

Reviżjoni tas-salarji ta' Uffiċjali oħra.

3. Għandhom jitħallsu lid-detenturi tal-karigi speċifikati fl-ewwel kolonna ta' l-Iskeda li tinsab ma' dan l-ordni, minflok is-salarji preskritti bl-artikolu 3 ta' l-Att, is-salarji fis-sena rispettivament speċifikati kontra kull waħda minn dawk il-karigi fit-tieni kolonna ta' dik l-Iskeda.

SKEDA

Artiklu 3

Kariga	Salarju fis-Sena
Avukat Ġenerali	£4951
Chairman, Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku	£3384
Deputy Chairman, Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku	£2518
Membru, Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku	£2237